**15 ta' Marzu, 1958.**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Saverio Muscat

**Triq — Riparazzjoni — Art. 13 tal-Liġijiet tal-Pulizija.**

***Min għandu proprjetà mat-triq, li tmiss magħha direttament, aktar u aktar jekk huwa jkun ser jibni fuq dik il-proprjetà, jitqies, b'liġi, bħala wieħed minn dawk li fetħu t-triq, u kwindi għandu, flimkien magħhom, l-obligu tal-formazzjoni tat-triq; għax il-liġi, a propożitu ta' dan, ma ssemmix "bini". imma tuża l-kelma "proprjetà" in ġenere; u għalhekk xejn ma jiswa li fuq dik il-proprjetà huwa ma għandux ebda kostruzzjoni.***

***Lanqas ma jiswa l-fatt illi xi wieħed mill-proprjetarji l-oħra jista' jonqos minn dan l-obligu, u hekk ikun hemm "gap", few "spazju vojt", u b'allura ma hemmx triq; dan l-argument hu ċirkolu vizzjuż, għax appuntu għalhekk il-Gvern fazzjona s-sidien kollha, sabiex kull wieħed ilesti l-biċċa tiegħu u jiġu evitati appuntu dawk il-"gaps"; u l-imputat ma jistgħax jiġi mismugħ meta jinvoka n-nuqqas ta' ħadd ieħor biex jiskuża n-nuqqas tiegħu.***

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija kontra l-imputat u oħrajn quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta talli f'San Pawl il-Baħar, f'dawn l-aħħar xhur, naqsu li jagħmlu x-xogħlijiet neċessarji fir-Rdum Rxaw, non ostanti l-avviż notifikat lilhom mill-Pulizija, skond l-art. 13 tal-Liġijiet tal-Pulizija, billi naqsu li jlestu t-triq;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-10 ta' Jannar 1958 li biha kkundannat lill-imputat u oħrajn għall-ammonizzjoni u riprensjoni, u tat lil kull wieħed erbgħa xhur żmien biex juniformaw ruħhom mal-liġi, taħt penali ta' 5s. għal kull ġurnata ritard;

Rat ir-rikors tal-imputat Saverio Muscat, li bih appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata, u li hu jiġi assolt;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

It-triq in kwistjoni, kif deher mill-provi akkwiżiti għall-proċess, għandha din il-karatteristika. Isfel hemm il-blat, ħdejn il-baħar; fejn dan il-blat telgħin diversi "boat-houses"; u fuq il-"boat houses" tiġi t-triq, li għalhekk ma hix kostruwita jew kostruwenda fuq is-solitu materjal ("filling"), iżda fuq il-"boat-houses". L-appellant għandu l-plot nru. 35 fuq il-pjanta li ġiet prodotta mix-xhud Perit Arkitett Captur, u qiegħed jagħmel "boat-house" isfel, ħdejn il-blat. Hu għandu wkoll biċċa art ċens, adjaċenti għat-triq kostruwita u kostruwenda fuq il-"boat-houses", u ġa għamel, kif jidher mir-rikors tiegħu stess tal-appell, permess biex jibni villa fuq dik il-biċċa art;

Tnejn huma l-gravami dedotti mill-appellant. Wieħed li, ladarba hu għadu ma beda ebda kostruzzjoni fuq dik il-biċċa art, kif fil-fatt ma bediex, għalhekk ma għandu ebda obligu li jlesti t-triq; u t-tieni, in subordine, li ma hemmx triq fis-sens tal-liġi;

Kwantu għall-ewwel gravam, il-Qorti tirrileva li, ladarba l-appellant għandu proprjetà mat-triq li tmiss magħha direttament, u dippjù sejjer jibni fuq l-istess proprjetà, għalhekk hu jitqies, b'liġi, wieħed minn dawk li fetħu t-triq, u kwindi għandu l-obligu, flimkien mal-oħrajn, tal-formazzjoni ta' dik it-triq skond il-liġi. Il-liġi, a propożitu ta' dan l-obligu, ma tużax (kif għamlet band'oħra) il-kelma "bini", iżda l-kelma "proprjetà" in ġenere (ara subart. 8 u 9 tal-art. 13 tal-Kap. 13 Edizzjoni Riveduta);

Kwantu għat-tieni gravam, il-karatteristika fuq imsemmija ta' din it-triq iġġib li, jekk jonqos wieħed missidien li jagħmel il-biċċa tiegħu tat-triq, allura jkun hemm "gap" jew "spazju vojt"; u f'dan is-sens l-appellant qiegħed jgħid li ma hemmx triq. Iżda dan l-argument hu ċirkolu

vizzjuż; għax appuntu għalhekk il-Gvern qiegħed jazzjona s-sidien kollha, sabiex ċjoè kull wieħed ilesti l-biċċa tiegħu u jiġu appuntu evitati dawk il-"gaps". L-appellant, għalhekk, ma jistax jiġi mismugħ jinvoka n-nuqqas ta' ħadd ieħor biex jiskuża n-nuqqas tiegħu;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma *s-sentenza appellata*. It-terminu preskritt mill-Ewwel Qorti għandu jibda jiddekorri mil-lum.